

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

ATT TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ottubru 2011

li jaħtar Viċi Direttur tal-Europol

(2011/C 310/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tagħha,

Filwaqt li jaġixxi bħala l-awtorità bis-setgħa li taħtar il-Viċi Direttur tal-Europol,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni,

Wara li kkunsidra t-Tabella tal-Persunal tal-Europol għall-2010-2012 u b'mod partikolari l-punt 1.1(C) tiegħu u l-Pjan ta' Politika tal-Persunal tal-Europol għall-2011-2013 u b'mod partikolari t-Taqsima 1.2.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Wara t-talba ta' riżenja ta' Viċi Direttur tal-Europol, li nġhatat mill-Kunsill ⁽²⁾, huwa meħtieġ li jinħatar Viċi Direttur.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol li tistabbilixxi r-regoli dwar l-għażla, l-estensjoni tal-mandat u t-tkeċċija tad-Direttur u l-Viċi Diretturi tal-Europol ⁽³⁾, tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali dwar il-proċeduri ta' għażla tad-Direttur jew Viċi Direttur tal-Europol.
- (3) Il-Bord ta' Amministrazzjoni ppreżenta lill-Kunsill lista qasira ta' applikanti adatti għall-ħatra, flimkien mad-

dossier sħiħ tal-applikazzjoni ta' kull wieħed minn dawk il-kandidati, kif ukoll il-lista tal-kandidati eliġibbli kollha.

- (4) Abbażi tal-informazzjoni rilevanti kollha fornuta mill-Bord ta' Amministrazzjoni, il-Kunsill jixtieq jaħtar lill-applikant li, skont il-Kunsill, jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-pożizzjoni vakanti ta' Viċi Direttur,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Oldrich MARTINŮ hu b'dan maħtur Viċi Direttur tal-Europol mill-1 ta' Novembru 2011 sal-31 ta' Ottubru 2015 fil-grad AD 13, skala 1.

Artikolu 2

Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tiegħu.

Huwa għandu jkun ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SAWICKI

⁽¹⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

⁽²⁾ 9425/11 ENFOPOL 126.

⁽³⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 3.